**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 t'April 2025**

Rikors Numru: 311/2024 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 741/1997)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Ili l-partijiet iżżewġu nhar it-28 ta' Mejju tas-sena 1997 u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt ulied maġorenni F E, li twieldet nhar l-1 ta' Diċembru 1997 u G E, li twieldet nhar is-7 ta' Jannar tas-sena 2002 (ara kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieg hawn anness u mmarkat bħala Dok. A):

Illi sussegwentement, il-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli datat 13 ta' April tas-sena 2018 (ara kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok. B), izda kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 2016;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom (ara affidavit anness u mmarkat Dok. Ċ);

Illi ai termini tal-kuntratt ta separazzjoni, il-partijiet reċiprokament irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin u t-tfal huma maġorenni u mhux qed jistudjaw fuq bażi *full-time*. In oltre m'hemmx arretrati ta' manteniment għat-tfal dovuti lill-intimat;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B et seq tal-Kodiċi Ċivili;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-Ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 t’Awwissu 2024;

Semgħet l-avukat difensur tal-intimat tiddikjara li l-intimat m’għandux oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 t'April 2018 u *de facto* separti mis-sena 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħhda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.